**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ferris)**
**(Spettur Matthew Vella)**

**Vs**

**Francis Caruana**

Illum 22 ta' Mejju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Francis Caruana, ta' 57 sena iben Anthony u Catherine nee' Agius, imwieled Zejtun fil-31 ta' Awwissu 1954 u residenti 2, Maruska, Triq l-Istamnar, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita' numru 647554 (M).

Akkuzat talli f dawn il-Gzejjer, f'Novembru 2011, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel

titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Vision World Limited (C-54034) u/jew Lawrence Cassar u/jew Antoine Cassar;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) ghad-dannu ta' Vision World Limited (C 54034) u/jew Lawrence Cassar u/iew Antoine Cassar, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga iew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju;

U aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' tliet sentenzi sospizi imposti fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenzi taghhom ta' nhar it-12 ta' Frar 2009, l-14 ta' April 2010 u d-29 ta' April 2010, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Kif ukoll talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn inghata ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet snin, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-12 ta' Marzu 2009;

U aktar talli b'hekk sirt recidiv a terminu tal-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'hames sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif ukoll mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali b'sentenzi taghhom datati 19 ta' April 2007, 12 ta' Frar 2009, 14 ta' April 2010, 29 ta, April 2010, 1-1 ta' Lulju 2010 u s-26 ta' Mejju 2011.

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat li (i) kkommetta frodi; (ii) approprjazzjoni indebita; (iii) kif ukoll li kkommetta r-reati waqt perjodu operattiv ta' tlett sentenzi sospizi; (iv) kif ukoll bi ksur ta' ordni ta' probation impost fuqu; u (v) li huwa recediv a tenur tal-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali.

L-Ispettur Angelo Gafa' [1] xehed li l-kaz beda fuq kwerela li kienet intbaghtet minn Lawrence Cassar. Meta mitkellem mill-pulizija Lawrence Cassar kien spjegalhom li f'Novembru 2011 huwa u huh Antoine Cassar kienu impurtaw vettura mill-Ingilterra sabiex juzawha bhala delivery van ghall-kumpanija taghhom u kienu qabdu lill-imputat sabiex jirregistralhom din il-vettura ma' Transport Malta u fuq talba tal-imputat, Lawrence Cassar ghadda cekk fl-ammont ta' €2,500 sabiex isir il-pagament. Apparti c-cekk, Lawrence Cassar ta lill-imputat kopja tal-log book tal-vettura tal-Ingilterra u kopja tal-id card u l-imputat naqas li

[1] Seduta tat-22 ta' April 2015

jigbor in-number plates tal-istess vettura. L-imputat qatt ma rregistra l-vettura ma' Transport Malta u fis-7 ta' Mejju 2012 Lawrence Cassar kellu jhallas is-somma ta' €2,799.22 li minnhom €2,613.72 kienu jirraprezentaw taxxa tar-registrazzjoni fuq il-vettura ta' Lawrence Cassar. Mill-investigazzjoni li saret irrizulta li c-cekk li Lawrnce Cassar ghadda lill-imputat kien issarraf mill-istess imputat proprju fl-istess gurnata li c-cekk gie mghoddi lilu minn Lawrence Cassar. Intalab mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat li sussegwentement gie arrestat u kien irrilaxxja stqarrija[2].

Ix-xhieda ta' Antoine Cassar[3] tikkonferma dak li xehed l-Ispettur Gafa' u xehed ukoll li gie riarcit l-ammont kollu mill-imputat.

Lawrence Cassar[4] b'referenza ghar-rapport li kien ressaq quddiem il-pulizija xehed li l-imputat raddlu l-ammont kollu u li min-naha tieghu rrinunzja ghall-kwerela maghmula minnu u ddikjara li jixtieq li l-proceduri fil-konfront tal-imputat jieqfu.

Ikkunsidrat

Fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2016, id-difiza rrilevat li in vista li l-parte leza iddikjara bil-gurament li huwa m' ghadx ghandu aktar interess fil-proceduri billi rrinunzja bil-gurament ghall-kwerela maghmula minnu dan iwassal awtomatikament ghal dikjarazzjoni ta' procediment ezawrit inkwantu ghat-tieni imputazzjoni; u, inoltre' gie sottomess li l-ewwel imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni.

Minn dak li rrizulta mill-provi prodotti huwa evidenti li l-ewwel imputazzjoni fil-fatt inghatat bhala alternattiva ghat-tieni imputazzjoni u dan billi l-fattispecie tal-kaz aktar jirrispekkjaw l-elementi ta' mizappproprjazzjoni milli r-reat ta' frodi.

Inkwantu ghat-tieni imputazzjoni addebitata lill-imputat jigi rilevat li hekk kif jirrizulta mill-imputazzjoni u mill-artikoli rizultanti fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali, l-imputat qieghed

---

[2] Dok AG 2 a fol 45 tal-process

[3] Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2015

[4] Seduta tas-26 ta' Ottubru 2016

jigi akkuzat b'approprjazzjoni bla jedd bl-aggravant li tali mizapproprjazzjoni giet maghmula fuq haga fdata jew ikkunsinnata lill-hati minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

L-artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li ghal dak li jirrigwarda l-approprjazzjoni indebita minghajr l-aggravanti, *"ebda proceduri kriminali ma jista' jinbeda ghal dan id-delitt, hlief bi kwerela tal-parti"*. Madankollu meta jirrizulta li l-approprjazzjoni indebita tkun saret bic-cirkostanza aggravanti a tenur tal-artikolu 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta – kif jinsab akkuzat l-imputat odjern – l-azzjoni kriminali titmexxa *ex officio.*

Stabilit dan kollu, isegwi li ladarba l-imputat jinsab addebitat bl-approprjazzjoni indebita bl-aggravant ir-rinunzja tal-kwerela mill-parte civile fiha nnifisha ma twaqqafx il-proceduri *ut sic* jekk l-aggravant jissussisti.

Ghalhekk jehtieg li l-Qorti tezamina fl-ewwel jekk l-aggravant jirrizultax mill-provi prodotti. Mix-xhieda u mid-dokumenti prezentati in atti m'hemm l-ebda hjiel li Lawrence Cassar ta l-flus lill-imputat minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju. Kull ma rrizulta huwa li l-imputat ircieva l-flus biex jirregistra l-vettura ma' Transport Malta, jekk dan sarx f'xi vesti partikolari ma rrizultax. Ghalhekk fid-dawl ta' dan ladarba l-aggravat ma rrizultax isegwi li invista tar-rinunzja tal-kwerela tal-parte civile il-Qorti m'ghandhix triq ohra hlief li tiddikjara t-tieni imputazzjoni bhala procediment ezawrit.

L-imputazzjonijiet l-ohra huma konsegwenzjali ghall-imputazzjonijiet li precedewhom u ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni, inkwantu ghat-tieni imputazzjoni tiddikjara procediment ezawrit u inkwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra ma ssibx lill-imputat hati u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**